MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1306/2005

**David Ellis (ID 418390 M) bhala bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edward's**

**Vs**

**Kenneth u Louise konjugi Cefai**

## It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attur nomine li talab lit-Tribunal jiddikjara lill-konvenuti debituri fis-somma ta' tlett mija sitta u hamsin liri Maltin (Lm356) rapprezentanti drittijiet spettanti lill-Kulleg St.Edward ghat-taghlim u edukazzjoni in konnessjoni mal-attendenza tat-tifel taghhom, student fl-istess kullegg, u dan skond kont li jgib d-data ta'l-1 ta' Settembru, 2003, li kopja tieghu jinsab anness mal-avviz u markat bhala Dokument A, flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-26 ta' Frar, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

L-attur ghamel din it-talba wara li ppremetta illi ghalkemm l-konvenuti Kenneth u Louise konjugi Cefai gew interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu dan l-ammont permezz ta’ ittra ufficjali li ggib d-data tat-22 ta’ Frar, 205 (Dok B) debitament notifikata lilhom fis-26 ta’ Frar, 2005, huma baqqghu inadempjenti.

L-attur talab ukoll il-kundanna ghall-ispejjes kollha, inkluz l–VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’l-ittra ufficjali li ggib d-data tat-22 ta’ Frar, 2005 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra u cioe’ mis-26 ta’ Frar, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew li t-talba ta’ l-attur nomine ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu stante li din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Huma jissottomettu ukoll illi l-ammont mitlub mhux dovut stante li l-minuri m’attendiex l-iskola St.Edward’ College fil-perjodu li l-kont Dok A jirreferi ghalih.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ David Ellis li huwa l-“*bursar*” ta’ St.Edward’s College u huwa ukoll “*Head of Administration*.” Hu jispjega li meta l-genituri jmorru l-Kullegg biex jirregistraw lill-uliedhom, jigu mitluba ihallsu r-*registration fees* kif ukoll sabiex jiffirmaw r-regolamenti tal-Kullegg, flimkien ma’ ittra fejn jaccettaw li jobbligaw ruhhom b’dawn ir-regolamenti.

Fil-kaz in kwistjoni, il-konvenuti kienu rregistraw lill-binhom f’Settembru, 2002 u kienu ffirmaw ir-regolamenti u l-ittra relattiva.

Ix-xhud jaghmel referenza ghar-regolament numru 7.1. li jikkontempla ***“whereby it is required a two month pre-notice to be given, in writing to the headmaster, before a student withdraws from the school. In such default, payment of one term fee shall be due.”***

Il-konvenuti kienu nfurmaw lill-atturi nomine li t-tifel taghhom ma kienx ser jattendi l-Kullegg ghas-sena

skolastika 2003/2004 u dan permezz ta’ ittra datata 18 ta’ Settembru, 2003.

Ellis jispjega li sabiex tigi accettata l-“*withdrawal*” tat-tifel, skond ir-regolamenti kellhom jigu avzati sal-31 ta’ Lulju, 2003 ghaliex it-term jibda ghall-ahhar ta’ Settembru.

Ix-xhud ighid li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, fejn l-attur nomine insista li l-konvenuti kellhom isegwu ir-regolamenti u jhallsu l-ammont ta’ tlett mija sitta’ u hamsin lira Maltin (Lm356) li jirrapprezentaw “tuition fees.” It-“tuition fees” jkunu dovuti malli jinhareg l-*invoice*, li f’dan il-kaz inharget fl-1 ta’ Settembru, 2003.

Ra x-xhieda ta’ Louise Cefai, li tikkonferma li huma kienu hallsu tlett mija u hamsin lira Maltin  (Lm350) lill-Kullegg St.Edward’s, izda maz-zmien it-tifel taghhom ma setax jidhra f’din l-iskola u eventwalment gie accettat fl-iskola ta’ Santu Wistin.

Hi ssostni li xi gimgha qabel ma kellu jibda t-term kienet cemplet lis-segretarja tal-Kullegg u nfurmatha li t-tifel ma kienx ser jattendi aktar. Hija tikkonferma li s-segretarja kienet talbitha thallas l-ammont tas-*semester* kollu.

Il-konvenuta izzid tghid li tiftakar li kienu iffirmaw xi karti u li kienu taw xi karta ta’ kundizzjonijiet lir-ragel taghha u fil-fatt tikkonferma l-firma taghha fuq id-dokument esebit a fol.18 datat 14 ta’ Awissu, 2002. Taf ukoll illi kienu rcevew xi ittra ghall-pagament, pero’,  la kienu hallsu u lanqas kienu baghtu xi ittra, ghaliex hasset li kien hemm raguni valida ghalfejn it-tifel ma’ baqax fil-Kullegg ta’ St.Edward’s.

Minn naha l-ohra, il-konvenuta taghraf xi ittri mibghuta mir-ragel taghha lill-Head tal-Kullegg, pero’, tistqarr li dawn l-ittri li la kienet taf bihom u lanqas biss qatt kienet rathom qabel.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jghid li t-tifel taghhom kellu problemi ta’ *bullying* gol-Kullegg St Edward u giehom c-cans li t-tifel jattendi l-kullegg ta’ San Alwigi. Jispjega illi

hu ma setax jinforma lill-St.Edward’s li t-tifel ma kienx ser jattendi aktar sakemm kien jaf fic-cert li t-tifel kien ghadda biex jattendi San Alwigi. Malli ha l-ahbar kien informa l-Head dwar dan, izda dan ta’ l-ahhar baqa’ jinsisti li kellu jsir l-pagament, imma l-konvenut dan m’accettahx.

Ikkunsidra

Kull minn jirregistra lil-ibnu fill-Kullegg ta’ St.Edwards jigi mitlub jiffirma kuntratt li jinkorpora r-regolamenti u kundizzjonjiet li ggib maghha din ir-registrazzjoni. Inoltre, l-istess genituri jigu mitluba jiffirmaw ittra fejn jiddikjaraw li jaccettaw dawn ir-regolamenti li jkunu ffirmaw ghalihom. Fl-ebda hin il-validita’ legali ta’ dan il-kuntratt ma giet kontestata mill-konvenuti.

Dawn id-dokumenti *per se* jindikaw li hemm accettazzjoni espressa ta’ dawn ir-regolamenti da parti tal-konvenuti li jidher car li kienu ukoll konsapevoli tal-kontenut taghhom. Ghalhekk, meta s-sinjuri Cefai rregistraw lill-binhom kienu jafu ezatt taht liema kundizzjonjiet kienu qed jaghmlu dan. Malli ffirmaw inholqot relazzjoni kuntrattwali bejn il-kullegg li kellu joffri l-edukazzjoni versu konsiderazzjoni li kien fl-obbligu tal-konvenuti li jhallsu. Meta l-konvenuti hargu lill-binhom minhabba ragunijiet varji, kien fid-dover taghhom jivverifikaw l-proceduri li kellhom  jsegwu, Jista’ jkun li saru jafu fl-ahhar minuta li t-tifel kien ghadda ghal skola ohra, pero’ dan ma jirrendix inapplikabbli l-obbligazzjoni li kienu assumew u accettaw vis-à-vis il-Kullegg li kienet tistipula iz-zmien li fih kellu jinghata l-avviz imsemmi. M’hemmx dubbju li l-konvenuti  kienu jafu li kien hemm perjodu preskritt f’liema kellhom jinfurmaw lil-Kullegg u li kien ta’ xahrejn qabel il-bidu tat-term.

Ellis jispjega illi irid ikun hemm xahrejn *pre-notice* qabel ma jibda t-*term* u r-regolamenti jikkontemplaw dan b’mod car u esplicitu, u cioe’ jekk it-tifel kien ser jattendi skola ohra f’Settembru il-genituri kienu f’obbligu li jinfurmaw lill-Kullegg xahrejn qabel,  izda minflok l-konvenuti injoraw dan kollu u ghazlu li japplikaw regolamenti kif deherilhom u di piu’ issa qed jopponu ghall-hlas ta’ fis-somma ta’ tlett mija sitta u hamsin liri Maltin (Lm356) rapprezentanti

drittijiet tal-Kullegg St.Edward ghat-taghlim u edukazzjoni in konnessjoni mal-attendenza tat-tifel taghhom.

Ukoll, it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenzi citati mill-attur nomine, fosthom dik in re **Avviz. Nru. 2103/1998/1 Qorti tal-Magistrati Civili (Inferjuri) Deciza 03/10/2001 fl-ismijiet ELLIS DAVID NOE vs RANSLEY PHILIP ET** u **Rik. Nru. 480/1999/1 Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) Dec.15/12/2003, fl-ismijiet ELLIS DAVID NOMINE vs TESTA ALFRED ET** u li l-attur jinvoka in sostenn tat-talba tieghu. It- Tribunal jaqbel perfettament mal-posizzjoni legali kif spjegata u enunzjata f’dawk is-sentenza u dak li qed jigi deciz b’din is-sentenza jirrifletti l-istess principji legali li jirregolaw il-kaz prezenti.

Apparti il-principju li gie kontestat mill-konvenuti, l-ammont bhala tali mhux kontestat.

In konkluzjoni it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li l-attur nomine ipprova it-talbiet tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jordna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ ta’ tlett mija sitta u hamsin liri Maltin (Lm356) rapprezentanti drittijiet tal-Kulleg St.Edward’s ghat-taghlim u edukazzjoni in konessjoni mal-attendenza tat-tifel taghhom, bl-ispejjes u l-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------